REGISTRY SUPERIOR COURT
No: 4676
27 NOV 2023
PAID

# M/V 'SEA PATRON'

# VALUTAZZJONI TEKNIKA

---

MAHRUGA FUQ TALBA TAL

QORTI CIVILI

PRIM' AWLA

ONOR. PRIM IMHALLEF DR. MARK CHETCUTI

FIR-RIGWARD TAL-ATTI TAS-SUBBASTA NRU.: 03/23

DR. JOSEPH MIZZI NOE

VS.

M/V SEA PATRON U PAUL ATTARD BHALA KURATUR

MILL-ESPERT TEKNIKU

ING. KURT GUTTERIDGE

Valletta, Malta – 01 ta' Novembru 2023

Report: Rev.0

## 1. DAĦLA

Fuq talba tal Qorti Civili, Prim' Awla preseduta mill- Onor. Prim Imħallef Dr, Mark Chetcuti, l-espert sottoskritt attenda abbord il-bastiment 'SEA PATRON' sabiex joħrog valutazzjoni tal-bastiment in kwistjoni fil-mertu tas-Subbasta 03/23.

L-espert jiddikjara illi esegwixxa il-kompitu tiegħu kif milub u jirraporta kif ġej.

### 1.1. DETTALJI TEKNICI TAL-BASTIMENT

| | |
|---|---|
| **Numru IMO** | 8213097 |
| **Bandiera u Port ta' Registrazzjoni** | Maltija, Valletta |
| **Call Sign** | 9HA2402 |
| **Tul estrem** | 42.00 m |
| **Tul bejn il-Perpendikolari** | 36.00 m |
| **Tul tar-Registru** | 38.09 m |
| **Wisa'** | 11.40 m |
| **Fond** | 5.00 m |
| **Pixka** | 4.60 m |
| **Tunellagg Gross** | 622 |
| **Tunellagg Net** | 186 |
| ***Deadweight*** | 435 tunellata |
| ***Lightship* (stima)** | 665 tunellata |
| **Sena ta Kostruzzjoni** | 1983 |
| **Magna Principali u deskrizzjoni** | 2x Stork Werkerspoor (8 FHD 240) |
| **Qawwa** | 2,178 kW (totali) |
| **Sena ta' Kostruzzjoni** | 1982 |
| **Numru ta Cilindri** | 8 |
| **Numru ta Generaturi tal-Elettriku** | 3 |
| **Qawwa totali** | 575 kW |

### 1.2 VALUTAZZJONI

Il-Valur tal-bastiment 'SEA PATRON' fil-kundizzjoni presenti kif misjuba u deskritta f-dan ir-rapport tekniku hija stmata għal-madwar:

**EUR 130,000**
**MIJA U TLETIN ELF EURO**

## 2. DESKRIZZJONI TAL-BASTIMENT

Il-bastiment 'SEA PATRON' huwa vapur ta' tip *Supply Vessel* intiz ghal hidma specjalizzata f-ibhra Internazzjonali. Il-bastiment joffri certa versatilita' ghal dan l-iskop billi jista jahzen fuel u ilma addizjonali f-tankijiet dedikati sabiex dan l-istess fuel u ilma ikun trasferit lil bastimenti ohra. Barra min hekk huwa evidenti li dan il-bastiment kien predispost biex joffri servizzi ta rmonk (towage) u supply billi hemm spazju dedikat ghal dawn l-attivitajiet fuq il pont principali. Jirrizulta ukoll illi iz-zewg magni idawwru shafts bi skrejjen ta tip 'controllable pitch' li huma specifikatament intizi ghal aktar versatilita fejn jigi uzu gewwa portijiet, manuvrabilita' u operazjonijiet biswit bastimenti ohra. Id-dokumentazzjoni pprovduta tindika illi il-velocita' stmata tal-vapur hija ta 11 knot u akkomodazjoni ghal ekwipagg hija ta 10.

Skond id-dokumentazzjoni pprovduta mill-Atti, jidher illi dan il-bastiment huwa nieqes min certifikazjoni valida ta registrazzjoni u ta klassifikazjoni. L-ahhar certifikazjoni taht registru Malti skadit fil-11 ta April 2017.

## 3. EZITU TAS-*SURVEY*

Is-*survey* sar waqt li l-bastiment kien sorgut fil facilitajiet taht koncessjoni ta' Cassar Maritime Services Limited gewwa il-Marsa, Malta. Waqt is-*survey* mis-sottoskritt ma kien hemm l-ebda membru tal-ekwipagg presenti u l-ebda rappresentat min naha tas-sidien tal bastiment. Zewg rappresentanti (*Port Inspectors*) min Transport Malta u rappresentant ta Cassar Maritime Services ipprovdew access ghal fuq il-bastiment.

Il-bastiment kien jinsab fi stat car ta abbandun u telqa, mighajr ebda evidenza ta manutenzjoni li setghet sehhet fi zminijiet ricenti. Barra min hekk ma jirrizultax, u mhux mistenni, illi il-bastiment fl-istat presenti izomm xi tip ta certifikazzjoni ta tbahhir, kemm Nazzjonali kif ukoll Internazzjonali. Ghal-daqstant l-access ghal-fini ta spezzjoni kien limitat f-xi zoni u ma setax jigi ittestjat l-ebda makkinarju jew appart li kien jinsab abbord. Kif se jigi deskritt f-dan ir-rapport, din il-limitazzjoni mhux mahsuba illi setghat taffetwa l-iskop ta dan is-Survey jew l-ezitu tieghu.

Ta min jirrimarka illi hemm evidenza cara li ammont ta ekwipaggjamnet tnehha u/jew safa misruq min abbord il-bastiment tul iz-zmien. Numru ta cables elettrici huma maqtuwa u postijiet fej xi ekwipaggjament seta kien installat jinsabu miksura jew vojta. Wiehed ma jistax ma jinnotax li fiz-zoni kollha tal bastiment hemm tqallib kbir ta documenti, karti varji u hwejjeg ohra li jindikaw li seta kien hemm tqallib u vandalizmu.

Waqt l-ispezjoni il-vapur kien jinsab jippresenta *list* konsiderevoli, cio'e', kien jinsab inklinat lejn il genb ta *port side* tieghu innifsu. Dan huwa mahsub li hu risultat ta dhul ta ilma f-wiehed mit tankijiet integrali tal vapur ghax il-hull huwa tant degradat f-zoni li issa ittaqbu.

In konkluzjoni u a bazi tal-kundizzjoni konstata huwa determinat illi il bastiment ma jinsabx fi stat tajjeb u ma hux *seaworthy* jew f-kundizzjoni li jingagga f-xi tip ta navigazzjoni anke jekk taht irmonk. Huwa similarment konkluz illi tiswija sabiex jerga jithaddem dan l-istess bastiment mhux vijabbli ekonomikament u ghalekk il-valutazzjoni hija a bazi ta *scrap value*.

### 3.1 KUNDIZZJONI STRUTTURALI

Il-kundizzjoni hija wahda hazina b-evidenza f-hafna postijiet li il-bastiment qed isofri min degradazjoni strrutturali qawwija. Il pont principali juri b-mod car numru ta zoni b-korrozjoni sinifikanti li tista twassal biex tintilef anke l-integrita (watertightness). Dan huwa anke konfermat mil-fatt li jirrizulta *list* ta madwar 7 gradi lejn *port side* kif ga deskritt.

### 3.2 MAKKINARJU U EKWIPAGGJAMENT

Anke fir-rigward tal-makkinarju u ekwipaggjament tal-bastiment l-espert inkarigat jista jikonferma illi dawn instabu f-kundizzjoni ta abbandun minghajr ebda sinjal jew evidenza ta xi xorta ta manutenzjoni. Inoltre ta min izid illi l-istess ekwipaggjament instab li kien pjuttost antik jekk mhux obsolet. Kif deskritt qabel, ma seta isiru l-ebda testijiet waqt din l-ispezzjoni, inoltre ta min jirrimarka illi f-dak li jirrigwarda ekwipaggjament ta sikurezza dan mhux provdut jew skadut/obsolet. L-istess jghodd ghal *cranes/lifting gear/towing gear* ta fuq il-gverta li instabu bil konnessjonijiet idrawlici taghhom deterjorati kompletament u il-qafas strutturali taghhom f-kundizzjoni degradata, ghaldaqstant dan il-makkinarju jehtieg tibdil estensiv qabel ma jista jerga jigi iccertifikat skond il-ligi – process mhux meqjus vijabbli.

Il-magna principali, il-generators kif ukoll il-pompi elettrici u mekkanici li bihom jopera il-vapur jidru li ilhom wefqin u huwa ukoll ragonevoli illi wiehed jghid jew jistenna illi ma thaddmux minn kemm ilu wieqaf il-bastiment. L-unka valur residwu illi wiehed jista forsi japplika hawnekk hu ghal magni principali fejn certu parts jistghu possibiliment ikunu ta valur fis-suq. Dan il-valur residwu jibqa xorta wahda limitat u sugget ghal spezzjoni interna tal magni. Wiehed jista jispekula u jassumi f-dan ir-rigward illi bejh ghal-parts ghandu jattira interess fis-suq. L-impjant elettriku huwa evidentement kundannat u l-unika valur residwu huwa dak ta materjal *scrap*.

## 4. VALUTAZZJONI

Is-suq tal-bastimenti uzati huwa governat min diversi fatturi li iwasslu ghal-kambjamenti kontinwi fil-valur ta dawn il-bastimenti li min zmien ghal zmien jistghu ikunu anke drammatici. Bhal kull suq iehor hemm effett dirett min dik li hija il-kundizzjoni tas-suq li t-tip ta bastiment jopera fih, il-bilanc bejn provvista u domanda ghal-tip ta bastiment, il-kundizzjoni tat-tarznari u konsegwentement il-prezz ghal-vapur ekwivalenti gdid. Barra min hekk jeziztu diversi fatturi ohrajn li kemm direttament kif ukoll indirettament jezercitaw influwenza fuq dan is-suq. Dawn jinkludu iz-zona geografika fejn jinsab bastiment, fejn jopera, it-tip ta certifikazzjoni u it-terminu taghha, aspetti ta spejjez relatati ma konsum u manutenzjoni etc. Kollox ma kollox meta operatur jasal jaghmel offerta ghal-bastiment uzat ikun qieghed jghodd illi jista jahdem b-vijabilita' kummercjali ghaliex il-kapital inizjali mahrug ikun anqas min dak rikjest ghal bastiment gdid u din id-differenza tkun tali illi taghmel tajjeb ghal-ispejjes operattivi, ta operazjoni u manutenzjoni akbar. Ghalekk wiehed isib illi vapuri eziztenti basikament joperaw sa ma jippermettu il-kundizzjonijiet tas-suq, hekk kif dawn isiru aktar stretti ikunu il-vapuri anqas kompettitivi li jaqaw barra mis-suq l-ewwel.

Fil-kas specifiku tal-'SEA PATRON', hekk kif spjegat f-dan ir-rapport, hemm indubbjament id-diffikulta illi is-suq hemm barra ser ikun qed jikkonsidra vapur mhux operattiv u li jirrikjedi xoghol estensiv hafna sabiex ikun

jista jirritorna ghal stat operattiv. Ghaldaqstant, meta is-sottoskritt iqis dawn il-konsiderazzjonijiet u iqabbel l-istess mal-valuri attwali ta vapuri ohra simili fuq is-suq li izda huma operattivi jasal ghal-konkluzzjoni illi il-valur residwu tal-bastiment, wara t-tiswijiet mehtiega u upgrades necessarji sabiex jintlahqu ir-rekwiziti tal-gurnata, fil-fatt ma jozbqux il-valur ta l-ispejjes relatati max-xogholijiet mehtiega. Ghalekk, l-opinjoni tal-espert hija illi ix-xiri ta dan il-bastiment ghal uzu eventwali fis-suq ma huwiex kummercjalment vijabbli.

#### 4.1 Xiri mis-suq tal-iscrap

Huwa ipotizabbli ghaldaqstant illi l-bastiment, fil-kundizzjoni attwali li jinsab fiha, jista' jigbed interess min operaturi li jinnegozjaw fis-suq tal-*iscrap*. Bhal kull komodita' ohra anke is-suq Internazzjonali tal-metalli *scrap* jsegwi indici li huwa generalment governat min aspetti ta provvista u domanda kif ukoll min aspetti geografici u legislazjoni ambjentali. Is-sottoskritt jistma illi Malta tesporta madwar 30,000 tunellata steel scrap fis-sena, generalment destinat lejn it-Turkija.

Il-bastiment in kwistjoni ghandu *lightship* ta madwar 665 tunellata, cio'e il-piz komplessiv tal-vapur vojt jammonta ghal din ic-cifra. Dan jinkludi anke materjali mhux metallic bhal ma huma materjali ta eghluq bl-injam, apparati elettronici, ekwipaggjamenti ohra etc. Huwa ghalekk stmat illi min dan il-*lightship* wiehed irid inaqqas madwar 5%-8% f-dak li huwa *wood and outfit*. Ghalekk ghal fini ta valutazzjoni u kwantifikazzjoni ta hadid disponibbli ghal-iscrap, huwa ragonevoli illi titqies cifra ta madwar 612 tunellata.

Fil-kundizzjoni presenti, il-prezz imhallas ghal-materjal fit-Turkija skond l-indici Platts (HMS CFR Scrap), huwa ta madwar USD 380/tunellata. Dan jirreferi ghal materjal *scrap* imqatta u transportat gewwa it-Turkija. Ghalekk, kwalunkwe operatur interessat ikun irid jinkludi spejjes ta tqattieh, permessi ambjentali, kiri ta spazju licenzjat ghal dan it-tqattieh, separazzjoni u rimi ta skart iehor, spejjes ta ghodda, materjali u haddiema kif ukoll spejjes relatati ma transport tal-Materjal ghal barra min Malta. Qabel ma jkun possibli illi jigi mqatta u riciklat il bastiment ser ikun necessarju illi isir studju approvat ta Inventory of Hazardous Materials (IHM) hekk kif rikjest min Konvenzjoni Internazzjonali u Regolament Ewropew.

Irmunkar tal-bastiment ghal-Turkija jew pajjiz iehor mhux konsidrata f-dan l-istadju ghaliex il-kundizzjoni tal-bastiment ma tippermettix u ghalekk mhux mahsub illi la rmonk u lanqas assikurazjoni ma tkun possibli.

Meta wiehed jghodd dawn il-fatturi u iqis ukoll il-possibilita li certu makkinarju u ekwipaggjament jinbiegh separatament fuq is-suq (bhal *propellers* u partijiet mil magni principali etc.), huwa mahsub illi cifra realistika li tista tigi offerta ghanda tlahhaq valur kumplessiv ta madwar EUR 130,000.

Maħruġ mingħajr preġudizzju, dan il-7 ta' Novembru 2023.

Ing. Kurt Gutteridge B.Eng(Hons.), M.Sc.
Appointed Court Expert

Carina Abdilla
Deputat Reġistratur

Illum 27 ta' Novembru 2023

Ippreżentata mill- Ing Kurt Gutteridge

B'/Bla dok______________dokumenti

Illum.


SEA PATRO












SWL 1T.


FRESH WATER
F.O. SUCTION
L.O.SEPERATOR
SUMP TANK
P.S.
S.B.
2016

